# IL-KAŻIN TAL-BANDA SAN GABRIEL TA' ĦAL BALZAN

## FIS-SENA 2001-2002




Bħas-snin l-imgħoddija kemm ilu nwaqqaf il-każin mill-1920, dejjem baqa' attiv f'dak li jirrigwardja l-każin innifsu l-banda l-attivitajiet soċjali, l-festa, l-armar, kif ukoll in-nar fost l-oħrajn.

KAŻIN:
Peress li l-bini tal-każin huwa antik jeħtieġ li ta' kull sena isir l-manutenzjoni. Din is-sena sar xogħol estensiv fil-kċina tal-każin kif ukoll għall-aħħar tas-sena bidu tas-sena 2002 ser isir xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tal-każin.

BANDA:
It-tagħlim tal-mużika jsir dejjem regolari darbtejn fil-ġimgħa mill-assistent Surmast kif ukoll mis-Surmast Direttur. Matul is-sena jsiru xi kunċerti skond in-neċessità. Din is-sena sar recording tas-C.D. b'marċi brijużi. Din is-CD ġiet mnedija fl-okkażjoni ta' l-egħluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-banda San Gabriel 1952-2002. Għal dan il-għan saru madwar ħamsin leġiju ġdid għall-bandisti u ser jittella Programm Mużikali taħt il-Patroċinju tal-President ta' Malta fl-20 t'April 2002.

ATTIVITAJIET SOĊJALI:
Minħabba li l-każin irid jieħu ħsieb ħafna affarijiet li jinvolvu ħafna spejjeż, jiġu organizzati diversi attivitajiet fosthom Coffee Mornings, ikliet u lotteriji. Ta' kull sena wkoll tiġi organizzata kompetizzjoni ta' l-isnooker, li din is-sena organizza l-Kumitat taż-Żgħażagħ fi ħdan din l-istess soċjetà.

FESTA W ARMAR:
L-akbar responsabbiltà, naħseb l-iktar waħda diffiċċli hija l-organiżżazzjoni tal-festa titulari. Il-membri tal-każin jieħdu ħsieb jarmaw l-armar kollu li jintrama fil-parti ta' fuq ta' Ħal Balzan, il-kampnar u l-koppla kif ukoll id-disinn tal-faċċata tal-knisja. Is-sena li għaddiet kienet waħda ta' xogħol qawwi b'risq il-festa tal-Lunzjata li hija l-patruna ta' Ħal Balzan. Ġiet maħduma girlanda bil-bozoz mal-faċċata tal-knisja, inxtraw ma' l-elf lampa tal-kulur għad-disinn tal-faċċata tal-knisja, beda x-xogħol fuq sett ta' għaxar pavaljuni ġodda għal Triq il-Kbira bil-pittura li għal festa tas-sena 2002 ikunu lesti, inħadmet ma' l-elf pied liedna biex tkompli issebbaħ it-toroq tagħna fil-jiem tal-festa. Saru diversi festuni ġodda għal diversi toroq, ventijiet ġodda, restawr ta' żewġ kolonni kbar li jintramaw quddiem il-każin u diversi affarijiet oħra. Għal festa ta' Marija Annunzjata minbarra li jiġu diversi baned mistiedna il-banda tagħna, il-banda San Gabriel tieħu sehem attiv fil-festa li ta' kull sena tiġi ċċelebrata fit-tieni ħadd ta' Lulju. Fil-festa jsir marċ it-tieni jum tat-tridu mill-banda San Gabriel. Fl-aħħar jum tat-tridu il-banda takkumpanja l-istatwa ta' San Gabriel fost il-briju mat-toroq ewlenien ta' Ħal Balzan, f'lejlet il-festa wara li l-banda tagħmel marċ ittella Programm Mużikali fuq iz-zuntier tal-Knisja.

NAR:
Diversi membri tal-każin tal-banda San Gabriel jieħdu ħsieb li fil-jiem tal-festa jakkumpanjaw il-festa bix-xogħol tagħhom tan-nar: kemm ta' l-ajru kif ukoll ta' l-art. F'maħżen li jinsab fil-każin stess jitlesta x-xogħol tal-brim ta' l-iskrataċċ imbagħad wara dan jitella' fil-kamra tan-nar San Gabriel li tinsab fil-limiti ta' l-Iklin. Ovvjament festa mingħajr nar mhix festa pero aħna għandna nirringrazzjaw dejjem lil dawn in-nies li b'sagrifiċċju u f'periklu jagħmlu ħafna xogħol b'risq il-festa tal-Lunzjata.
Fil-qosor rajna l-ħajja tal-każin tal-Banda San Gabriel għas-sena 2001-2002. Ħajja li ma tieqaf qatt. Dan hu l-iskop ewlieni tagħna li naħdmu volontarjament b'risq il-każin u l-festa għal ġid tal-komunità ta' Ħal Balzan.



**Il-faċċata tal-każin tal-Banda San Gabriel ta' Ħal Balzan A.D. 1920 taħt id-dell tal-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Annunzjata**



**Żewġ pavaljuni ġodda lesti minn sett ta' għaxra armati fi Triq il-Kbira għal okkażjoni tal-Festa ta' l-Annunzjata**